KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 55

**It-Tnejn, 3 t'Ottubru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' għal-Laqgħa Annwali ġewwa, s-Sala tal-iSkola Primarja ġewwa Birżebbuġa fi tinsab fi Triq Żarenu Dalli Birżebbuġa, fis-18:00h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill Lokali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Żewġ (2) persuni

## 55.01 Introduzzjoni mis-Sindku

**55.01.01** Is-Sindku Scott Camilleri ippresjeda l-laqgħa annwali. Hu beda billi rringrazzja lill-Kunsilliera u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li kienu preżenti għal din il-laqgħa. Irringrazzja wkoll liż-żewġ persuni mil-lokali li attendew għal-laqgħa annwali. F'din l-introduzzjoni huwa qal li waqt ir-rapport amminstrattiv se jingħata rendkont ta' ħidmet il-Kunsill Lokali matul is-sena li għaddiet u dwar xi proġetti hemm lesti għal-lokalità tagħna. Wkoll flimkien mal-uffiċjal tal-Kommunità tkellem dwar ix-xogħol utli li jagħmlu dawn l-uffiċjali ġewwa Birżebbuġa.

## 55.02 Rapport Amminstrattiv ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2021

**55.02.01** Qabel mas-Sindku Scott Camilleri beda jaqra r-rapport annwali li ġie mħejji fil-ġranet li għaddew, irringrazzja lil ex-Sindku is-Sur Joseph Farrugia li matul is-sena li għaddiet waqaf mill-kariga ta' Sindku ta' dan il-lokal. Feraħ lill-Viċi Sindku Josette Busuttil li hi saret l-ewwel Viċi Sindku mara għal-lokal ta' Birżebbuġa matul is-sena li għaddiet. Ir-Rapport Amminstrattiv ġie approvat mill-Kunsilliera preżenti u li kopja tiegħu tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 55.03 Rapport Finanzjarju għas-sena 2021

**55.03.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff sabiex tagħti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju tal-Kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 55.04 Interventi mill-Pubbliku Ġenerali

**55.04.01** (Resident 1) irringrazja tal-ħidma li qed issir mill-Kunsill lokali u kif ukoll mill-*Community Policing* u qal li hu dejjem isegwi ħafna x'jiġri fil-Lokalità. Dan ir-resident informa li hu kellhu żewġ domandi għal *Community Policing* li kien jinsab preżenti. Hu staqsa dwar sa fejn jaslu il-konfini ta' Birżebbuġa li l-Pulizija tal-Kommunità jagħmlu r-ronda u jekk dawn jibqgħux telgħin sa' Hal Far.

- *Membru tal Community Policing wieġeb billi qal li Community Policing tagħmel ronda sa Bengħajsa u li tibqa sejra sal-Qajjenza u mal-konfini ta' Marsaxlokk. Rigward Hal Far issir sorveljanzza ta' parti biss minnhu. Dan għar-raġuni li l-parti l-oħra tagħmel maż-Żurrieq. Il-quddiem se jkun hemm żewg gruppi ta' Community Policing ġewwa Hal Far. Grupp ikollu żona u l-ieħor ikollu z-żona l-oħra.*

**55.04.02** (Resident 1) staqsa jekk jikunsidrawx issir *patrol* filgħodu kmieni għal ħabta tal-5:00h jew is-6:00h, kif ikun qed jisbaħ filgħodu mill-istess *Community Policing.* Huwa kompla jgħid li dak il-ħin ikun hemm ħafna nies mil-lokal jimxu barra u fl-istess ħin nies oħra li jkunu reqdin barra matul il-lejl.

- *Membru tal Community Policing wieġeb li rigward il-persuni reqdin barra beda process mall-uffiċju tal-emegrazzjoni. Spejga fuq din il-problema fid-dettal u qal qed jaħdmu fuqa sabiex jekk dawn in-nies ikollhom dokumenti irregolari jinfurmaw lill-uffiċċju tal-emigrazzjoni li huma nies esperti fuq dan is- suġett u jkunu jistgħu jgħinu biex jiġu arrestati u deportati. Spjega ukoll li dan il-proċess jieħu tul taż-żmien milli wieħed jista' jaħseb, imma nassiguraw li nkunu nafu bihom u qed naħdmu fuqhom, biex fil-futur dawn il-problemi jiġu solvuti. Kompla jwieġeb li rigward il-patrols ta' filgħodu, jekk jaraw lil xi ħadd jikser il-liġi jistgħu jċemplu l-għassa minufih. Fuq il-ħinijiet irridu jitkelmu mas-superjuri tagħhom. Il-ħinijiet imsemija mhumiex il-ħinijiet tax xogħol tagħhom. Informa ukoll li kien hemm xi drabi li nbiedel il-ħin għal perjodu speċifiku. Meta jkun hemm xi problemi bħal dawn, importanti li l-informazzjoni tingħata specjalment meta ma' jkunx fil-ħin tax-xogħol tagħhom b'hekk ikunu jafu x'inhu jiġri. Hu offra li jagħti n-numru tal-mobile tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu iħejju pjan tax-xogħol. Jekk ikun hemm bżonn ibidlu l-ħinijiet tax-xogħol. Issir domanda tal-bidla mis-superjuri tagħhom sakemm tiġi solvuta dik il-problema.*

**55.04.03** (Resident 1) staqsa jekk il-Kunsill Lokali jistgħax jintervjeni mal-għassa tal-Pulizija rigward li jkun hemm ronda kmieni filgħodu.

- Is-Sindku wieġeb li huma meta saru jafu b' din il-problema ta' din it-triq partikolari, kelmu lil- Pulizija tad-distrett u resqu lilment inkwistjoni lill-uffiċċju tal-emigrazzjoni. Kompla jispjega li sfortunatament li l-proċess hu ftit twil u burrokratiku. Kienet sarret talba ukoll biex jingħata *extra hours* bl-*overtime rates* lill-Pulizija.

**55.04.04** (Resident 1) staqsa lill-Kunsill Lokali jekk tistax issir *Pedestrian Crossing* fejn il-Klabb tal-Boċċi fi Triq San Patrizju.

- Is-Sindku wieġeb li fil-ġimgħat bdew il-proċess u ġiet approvatta minn TM għal *Pelican Lights.* Il-process mhux se jieħu daqshekk fit-tul imma peress li *Pelican Lights* mhux kemm jinxtraw u jitwaħlu, hemm tender ta' TM u qegħdin nippruvaw nieħdu listess proċess tagħhom biex tkun attrazzata u jitnaqsu l-inċidenti li qed ikun hemm. B'kollox se jkollna erba' toroq bil-*Pelican Lights.*

**55.04.05** (Resident 1) saqsa ukoll rigward il-proġett li kien imsemmi sentejn ilu fil-Ġnien tal-Papa u fiex wasal il-proċess tiegħu.

- Is-Sindku spjega li dak iż-żmien kien hemm proċess twil u kien hemm ukol *change over* tal-Gvern. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Isports ingħaqdu flimkien biex jieħdu il-proġett li kien ġie approvatt mill-Kunsill biex issiru bandli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, *upgrade* tal-istess Ġnien. L-għada kien hemm ic-*change over* tal-Gvern. Kien hemm problema li bejn il-Ministeri ikkonċernatti ma kienx hemm il-*memorandum of understanding* li jkun fis-seħħ fit-tul. Spjega li bħalla Kunsill ġew *undershock.* Il-Kunsill avviċina lis-Segretarji Permanenti taż-żewġ Ministeri rispettivi li kienu dak iż-żmien , *point to note* iż-żewġ Ministeri baqgħu jieħdu azzjoni biex dak il-proġett jiġi finnalizat. Fil-ġimgħat li għadew il-Ministeru tax-Xogħolijiet Pubbliċi infurmawna u assigurawna li ser issir

*memorandum of understanding* biex jsir ix- xogħol u l-*upgrade* meħtieġ. Ix-xogħol hu ppjanat li se jibda fi żmien 3 xhur oħra.

**55.04.06** (Resident 1) staqsa rigward l-ammont ta' ħsejjes mill-Freeport.

- Is-Sindku wieġeb li l-ewwel punt li beda din il-laqgħa hu propju rigward wieħed mill ħafna sfidi li l-Kunsill qed jaffaċja b'mod regolari. Mill-att posittiv hu li *tenders* ta' *ship to shore* ħarġu u ġew *awarded* min-naħa tal-Gven Ċentrali li se jsir fuq *Terminal One*, l-iktar terminal viċin ir-residenti. In-negattiv ta' din il-materja hu li għalkemm ha jkun hemm is-*ship to shore*, il-vapuri bil-ligi Ewropeja kif inhi attwali ma tobbligax li dawn fil-portijiet tagħna ikunu mammra bilfors *b'ship to shore.* Min-naħa tal-Kunsill iqed issir *pressure* lil-Gvern Malti jagħdi liġu biex il-vapuri li jidħlu fil-Port Hieles ikunu magħmra b' *ship to shore*. Apparti minn hekk fl-elezzjoni tħabbar li se jkun hemm estensjonijiet ta' *Terminal Two* biex il-Kunsill jigwadanja 500 metru il bogħod mir-residenti l-oħra. Il- pjan hu biex dan ma jsirx matul il-lejl minn dik in-naħa u jsir ma *Terminal Two.*

**55.04.07** (Resident 1) staqsa jekk il-Port il-Kbir għandux l-istess regolamenti.

- Is-Sindku wieġeb li l-*Cruise Liner* għalih aktar *worth it* li jaqbad mal-port milli jħaddem il-ġeneratur tiegħu. Il-ligi Ewropeja għanda tkun għal kulhadd l-istess. Aħna għandna jkollna l-istess regolamenti.

**55.04.08** (Resident 1) staqsa jekk hux ta' diżapunt li m'hawnx konkorrenza mir-residenti f'din laqgħa. Staqsa ukoll jekk hux ser isir xi ħaġa f'dan ir-rigward.

- Is Sindku wieġeb li l-komunikazzjoni tal-Kunsill dejjem jipprova jtejjeb fuqa u jkun aktar viċin in-nies. M'hemmx għalfejn tasal il-Laqgħa Annwali sabiex nitkellmu man-nies. Ir-residenti dejjem issibuna fit-toroq u fuq il-mezzi socjali tagħna. Il-Laqgħa Annwalli hija sabiex nonoraw ir-regoli tal-Kunsill. Bħala Kunsill naqblu li laqgħat u attivitajiet simili bħal dawn għandhom jiġu aktar irreklamati.

## 55.05 Għeluq tal-laqgħa

**55.05.01** Il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ntemmet fis-19:30h u li l-Kunsill Lokali aġġorna għas-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 19 t'Ottubru, 2022, fil-17:30h.

**IFFIRMATA**

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

**Jordy Brincat**
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*

'Dok A'

KUNSILL LOKALI BIRZEBBUGA

# Rapport Amministrattiv
## 2021

## Laqgħa Ġenerali Annwali
**It-Tnejn 3 t'Ottubru 2022**

# Werrej:

Il-Kunsill Lokali....................Pġ2

Sotto Kumitati / Responsabbilitajiet....................Pġ5

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali....................Pġ7

Rapport Finanzjarju....................Pġ14

Konklużjoni....................Pġ17

# 1. Il-Kunsill Lokali

## 1.01 Il-Kunsill Lokali

Birżebbuġa, skond l-aħħar Reġistru Elettorali maħruġ f'April 2022, hija lokalità, bi 8,954 votant b'popolazzjoni li tiżboq it-13,000 ruħ. Għalhekk, skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, huwa kompost minn disa' kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn 6 skrivani. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkoordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-Seduti tal-Kunsill.

Wara sentejn ta' pandemija, is-Sena 2021 kienet is-sena li l-Kunsill irritorna lura lejn in-normalità. Tul din l-aħħar sena l-Kunsill ħadem qatigħ biex jirritorna lura b'diversi proġetti u avvenimenti.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun li jiddiskutu u jressqu proposti, li wara jiġu diskussi u deċiżi waqt Seduta tal-Kunsill Lokali.

## 1.02 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill (attwali)

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

**Is-Sur Jordy Brincat** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**
Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, Amministrazzjoni, Finanzi, Riżorsi Umani u Relazzjonijiet mal-Kostitwenti u azjendi Kummerċjali.

**Is-Sa Stephanie Aloisio** — **Assistent Prinċipal**
Responsabbli mill-applikazzjonijiet marbuta mal-Awtorità tat-Trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Simone Fenech** — **Assistent Prinċipal**
Responsabbli għar-relazzjonijiet mar-residenti u Azjendi Kummerċjali, bulky refuse, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Eleanor Manicaro** — **Assistent Principal**
Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità, kif approvat waqt is-seduti.

| | |
|---|---|
| **Is-Sa Gloria Abela** | **Assistent Prinċipal**<br>Responsabbli mir-Relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, human resources, pagi tal-ħaddiema amministrattivi u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill, ħlasijiet, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| **Is-Sur Michael Farrugia** | **Skrivan** *(beda l-impjieg tiegħu f'Settembru, 2021)*<br>Responsabbli mix-xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità, kif approvat waqt is-seduti, FAR tal-Kunsill, Filing, jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv waqt laqgħat. |
| **Is-Sur Christian Mifsud** | **Skrivan** *(beda l-impjieg tiegħu f'Ottubru, 2021)*<br>Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ħlasijiet, social media, skemi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| **Is-Sa Kimberly-Jo Fenech** | **Uffiċjal Eżekuttiv** *(part-time)*<br>Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ħlasijiet bulky refuse u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

**Matul din is-sena l-ħaddiema tal-komunità, issekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

Is-Sur Raymond Vella (Foreman)
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Stephen Magro
Is-Sur Bartholomew Portelli
Is-Sur Vince McIntyre
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Rokku Borg (sa Frar 2022)
Is-Sur Stefano Buhagiar

## 1.03 L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttura



## 1.04 Sotto Kumitati – Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-Kunsilliera attwali

- **Steering Committee fi ħdan il-Malta Trust Foundation**
  rappreżentanza mis-Sindku, Scott Camilleri u l-Kunsilliera Doriana Portelli.

**Is-Sur Scott Camilleri - Sindku**

a) Rappreżentant għar-Reġjun tan-Nofsinhar
b) Rappreżentant għall-fondazzjoni GAL XLOKK
c) Rappreżentant għal *Malta Freeport Terminals*
d) Rappreżentant fl-Aġenzija Żgħażagħ
e) Rappreżentant fl-*Isteering Committee* tal-*iskate park*
f) Rappreżentant fil-*Youth Exchanges*
g) Kultura u Proġetti Relatati
h) Fondi tal-Unjoni Ewropea
i) Għaqdiet Lokali, Żgħażagħ u Tfal
j) Infurzar u Sigurtà
k) Protezzjoni Ċivili
l) Komunitajiet Kummerċjali

**Is-Sinjura Josepha k/a Josette Busuttil – Viċi Sindku**

a) Attivitajiet Kulturali
b) Avvenimenti Lokali
*c) Playing fields*
d) Qasam Soċjali
e) Persuni bi bżonnijiet speċjali
f) Integrazzjoni soċjali
g) Komunitajiet

**Is-Sur Joseph Farrugia – Kunsillier**

a) Xogħlijiet u Proġetti
b) Aspetti Soċjali
c) Koordinament mal-Gvern Ċentrali

**Is-Sur Sandro Alexander Caruana – Kunsillier**

a) Immaniġjar tat-traffiku
b) Parkeġġ
c) Skemi
d) Infrastruttura u Proġetti Kapitali
e) Dwal tat-toroq

**Is-Sinjorina Doriana Josepha Portelli – Kunsillier**

a) Edukazzjoni
b) Libreriji pubbliċi
c) Harsien tal-annimali
d) Espressjonijiet artistiċi
e) Żgħażagħ u tfal
f) Rappreżentanta fl-*Isteering Committee* tal-*iskate park*

**Is-Sinjura Maria Mifsud – Kunsillier**

a) Ambjent
b) Indafa
c) Żamma tal-ġonna u soft areas
d) Turiżmu
e) Rappreżentanta f'isem il-Kunsill għall-*Malta Freeport Terminals*

**Is-Sur Carlo Stivala – Kunsillier**

a) *Sports* u Attivitajiet Fiżiċi
b) Intrapriżi żgħar u medji
c) Qasam Marittimu

**Is-Sur Joseph Baldacchino - Kunsillier**

a) Anzjani
b) Familja
c) Xogħlijiet u sorveljanza
*d) Customer Care*

**Is-Sur Johann Borg – Kunsillier**

a) Saħħa
b) Fondi Ewropej
c) Trasport Pubbliku
d) Saħħa Mentali

## Formazzjoni tal-Kunsill Lokali għas-sena 2021

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku Lulju 2019 – Lulju 2021<br>Kunsillier Awwissu 2021 – attwali |
| Inġ Stanley Zammit | Kunsillier Lulju 2019 – Mejju 2022 |
| Is-Sur Scott Camilleri | Vici Sindku Lulju 2019 – Lulju 2021<br>Sindku Awwissu 2021 – attwali |
| Is-Sa. Josepha k/a Josette Busuttil | Kunsillier Lulju 2019 – Lulju 2021<br>Viċi Sindku Awwissu 2021 – Attwali |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana | Kunsillier Lulju 2019 - Attwali |
| Is-Sa. Doriana Josepha Portelli | Kunsillier Lulju 2019 - Attwali |
| Is-Sa. Maria Mifsud | Kunsillier Lulju 2019 - Attwali |
| Is-Sa. Carlo Stivala | Kunsillier Lulju 2019 - Attwali |
| Is-Sa. Joseph Baldacchino | Kunsillier Lulju 2019 - Attwali |

## 2. Il-Ħidma tal-Kunsill

### 2.01 Ħidma tal-Kunsill

Fis-sena li għadha kif intemmet, komplejna nwettqu u naħdmu qatiegħ, sabiex inkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità, billi nagħtu aktar servizzi, b'inqas spejjeż. Tul din l-aħħar sena l-operat tal-Kunsill għadda minn numru ta' tibdiliet fosthom tibdil fit-tmexxija tal-lokalità. F'Lulju tal-2021 is-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia wara 23 sena fit-tmun tal-lokalità ħass li kien wasal iż-żmien li jirtira mill-kariga sabiex ikun hemm tmexxija aktar żagħżugħa u moderna. F'Settembru tal-2021 is-Sur Scott Camilleri wara sentejn jokkupa l-posizzjoni ta' Viċi-Sindku taħt it-tmexxija ta' Joseph Farrugia, ingħata l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku ta' Birżebbuġa. Fl-istess ġurnata s-Sinjura Josepha Busuttil inħatret bħala Viċi Sindku. F'Mejju tal-2022 il-Kunsillier l-Inġinier Stanley Zammit inħatar bħala Membru Parlamentari, b'hekk wara 10 snin Kunsillier u Minority Leader fi ħdan il-Kunsill Lokali Birżebbuġa l-Inġinier Stanley Zammit irriżenja mill-Kunsill. F'Ġunju tal-2022 wara li għalaq il-proċess tal-elezzjonijiet każwali ġie elett is-Sur Johann Borg bħala Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

Wara sentejn pandemija, is-sena 2021 kienet kruċjali hekk kif il-Kunsill reġa' beda jorganizza u jagħmel proġetti f'normalità ġdida. Il-Kunsill kompla jsaħħaħ is-servizzi, filwaqt li ħadem ħafna sabiex itejjeb il-finanzi tal-Kunsill. Kellna nżommu jdejna sodi mal-kuntratturi, kif ukoll addottajna tfassil ta' sistemi ġodda. Ħarġu aktar offerti pubbliċi, fejn il-Kunsill żied is-servizzi, li ġabu magħhom żieda fl-ispejjeż kuntrattwali. Il-Kunsill għaraf li l-lokalità waslet għal operazzjoni ta' immodernizzar u tisbiħ. B'hekk fl-ewwel xhur tal-2021 il-Kunsill fassal strateġija li hi ffukata fuq tlett binarji; l-immodernizzar, l-indafa u l-infurzar. Għalkemm Birżebbuġa hi lokalità mdawwra bl-industrija, il-Kunsill ħadem qatiegħ biex ikompli jsaħħaħ il-prodott turistiku tiegħu b'diversi proġetti u kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet volontarji lokali u mal-Gvern Ċentrali sabiex l-wirt storiku tal-lokal jibqa' sostenibbli u jkompli jiġi apprezzat. Wieħed ma' jridx jinsa l-isfidi li dan il-Kunsill irid jiffaċċja b'mod kontinwu fosthom l-impatt tal-industrijalizzazzjoni.

**L-isfidi kontinwi tagħna huma:**

- Inżommu dan ir-ritmu ta' xogħol permezz tas-servizzi li joffru l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill;
- Innaqqsu l-ispejjeż mingħajr ma nnaqqsu l-kwalità tas-servizzi li noffru;
- Nimmiljoraw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill;
- Inħarsu 'l quddiem b'lenti pożittiva.

Il-Kunsill kompla jaħdem, sabiex iġib aktar fondi u proġetti, għat-tisbiħ tal-lokalità. Għas-sena li għadha kif intemmet, is-sena 2021, il-Kunsill rebaħ fond Ewropew proġett ta' restawr tal-pittura, fil-Kappella tas-Sagra Familja, liema proġett ġie inawgurat nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022. B'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, il-Kunsill qiegħed jikkoordina wkoll il-proġett ta' Wied il-Buni, kif ukoll il-proġett ta' Bengħajsa. Matul is-sena 2021, saru wkoll diversi toroq madwar il-lokalità, kif ukoll tlesta l-proġett kontra l-għargħar fiż-żona ta' San Ġorġ.

Matul is-sena d-dieħla, il-Kunsill ser ikompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattrata lill-pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha, sabiex iżomm il-finanzi f'qagħda tajba, ser ikompli jinvesti f'aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità.

Il-Kunsill jinsab ċert li b'dan it-titjib, kif ukoll proġetti proposti għas-sena l-ġdida, ser jibqa' jaħdem, biex jirrispetta l-ambjent u l-valur ta' Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh, sabiex inkomplu nkunu ta' eżempju tajjeb għal-lokalitajiet oħra.

## 2.02 Infrastruttura, Proġetti Kapitali u xogħlijiet ta' manutenzzjoni fit-toroq

Il-Kunsill kompla bil-ħidma sabiex jara li tabelli tat-traffiku u sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u għal dawk li jżuru l-lokalità.

Il-Kunsill Lokali ħadem sabiex jara illi jsir patching fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa tal-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, però minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan mhux dejjem ikun possibbli. Madankollu, matul is-sena 2021 il-Kunsill kien kollaboratur importanti fuq il-proġett kontra l-għargħar f'San Ġorġ. Apparti minn hekk il-Kunsil ħa ħsieb li jżid l-aċċessibilità u sigurtà fil-Bajja s-Sabiħa permezz ta' rampa ġdida.

Fl-2021/2022 l-Awtorità Infrastruttura Malta lestew dawn it-toroq/proġetti kapitali:

- Dawret il-Qalb Imqaddsa
- Parti mill-Bajja s-Sabiħa
- Triq il-Fortizza
- Diversi sqaqien f'Bengħajsa
- Triq Għar Hasan u Triq il-Karmnu
- Slipways ġodda Wied il-Buni u biswit il-monument ta' Bush u Gorbachev
- Fil-mument qiegħed isir xogħol fuq lanterna ġdida fuq il-moll ta' San Ġorġ
- Crash barriers fi Triq iż-Żurrieq u Wied il-Qoton u se jsiru ta' Triq il-Fortizza ta' Karaġ

Il-Kunsill, b'koordinazzjoni mal-istess awtorità, ħejja lista ta' toroq urbani u sqaqien rurali, fejn b'eżerċizzju qed issir lista biex jinbeda x-xogħlijiet marbut magħhom.

B'diskussjonijiet mal-Enemalta u l-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kunsill wasal bi qbil għall-użu tal-art eks impjant tal-gass fil-Qajjenza għal parkeġġ temporanju b'xejn.

F'Mistraħ San Ġorġ Preca sar monument li jfakkar lil dan l-ewwel Qaddis Malti.

## 2.03 Immaniġġjar tat-traffiku u trasport pubbliku

Tkompliet is-sistema li jiġu friskati l-linji tas-sinjali f'Birżebbuġa, li jinkludu l-parking bays, l-istop signs u give ways, yellow lines, eċċ. Wara proċess ta' konsultazzjoni mar-

residenti tal-Qajjenza ġie fis-seħħ Road Management Plan ġdid fil-Qajjenza. Apparti minn hekk, il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu biex jiġu ikkoreġuti diversi sinjali oħra, sabiex jiżdiedu l-parkeġġi u jiġu mmarkati l-areas tal-ħwienet fi żmien il-festa. Ġew irranġati wkoll diversi crash barriers, filwaqt li sar ukoll installazzjoni ta' oħrajn ġodda, flimkien ma' tindif u arranġamenti ta' mirja fit-trufijiet ta' diversi toroq problematiċi.
Il-Kunsill ressaq ukoll l-applikazzjoni tiegħu għal diversi road humps oħrajn, fosthom Triq il-Port Hieles, Triq it-Torri, Triq San Ġużepp, Triq il-Brolli ,Triq il-Qajjenza u Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill ingaġġa l-kuntrattur tiegħu sabiex jibda dawn ix-xogħlijiet fix-xitwa tal-2022.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll, sabiex jibda l-proċess għal sistema ta' traffiku aħjar fl-akkwati ta' Triq San Franġisk Saverju u Triq Santa Marija.

Laqgħat mal-Kumpanija Faces Consultants Ltd - Minkejja il-ħames snin laqgħat biex tiżdied parti mir-rotta tal-Qajjenza u Triq tal-Ġebel issa ġejna infurmati li t-talbiet tagħna ma ġewx approvati.

Barra minn hekk bdew ix-xogħlijiet fuq bus shelters ġodda imma x-xogħol waqaf u issa qalulna li rridu napplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar. Dan barra li l-ebda waħda mill-bus shelters il-ġodda li xbajna nitolbu ma saritx.

## 2.04 Street lighting u dawl dekorattiv

Il-Kunsill jara li jsir il-monitoraġġ, koordinament u faċilitazzjoni tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq. Matul din is-sena il-Kunsill beda jagħmel użu mit-tender relatat mad-dawl amministrat minn Reġjun Nofsinhar. Matul din is-sena sar dawl ġdid fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni, tiswijiet temporanji fil-Bajja s-Sabiħa, fustuni ġodda f'Wied il-Buni u l-Bajja s-Sabiħa apparti minn hekk inbeda l-proċess għal dawl dekorattiv ġdid f'Misraħ Pietru Pawl Saydon, Triq Bengħajsa, Misraħ San Ġorġ Preca u Triq iż-Żebbuġ u se nżidu d-dawl fil-Pjazza tal-Knisja.

Fil-mument għaddejja ħidma mill-Enemalta fejn qed jiġu mgħoddija mill-ġdid numru ta' electrical feeders sabiex inaqqsu l-inkonvenjent ta' vultaġġ baxx f'żoni bħal tal-Papa.

Fil-Milied, inħarġu diversi talbiet għal kwotazzjonijiet, biex ġiet armata parti minn Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, kif ukoll parti minn Triq Żarenu Dalli. Dan ix-xogħol ġie fdat lis-Soċjetà Filarmonika Banda Birżebbuġa, kif ukoll lill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen u l-Għaqda tal-Armar. Żdied ukoll armar ieħor fir-roundabout ta' San Ġorġ u ntrama presepju kbir fil-Bajja s-Sabiħa. Dan id-dawl kien iffinanzjat parti mir-Reġjun Nofsinhar, mill-Gvern Ċentrali u mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali .

## 2.05 Tindif, tisbiħ u manutenzjoni

Matul is-sena 2021, il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ibbenifika minn skema Urban Square Initiative 2021 fejn il-Kunsill b'investiment ta' €17,500 bidel u għamel numru kbir ta' bankijiet b'materjal sostenibbli magħmula minn plastik riċiklat. Apparti minn hekk il-

Kunsill ħass li għandu jkompli jtejjeb is-servizz tal-knis u sanitizzar tal-lokalità permezz ta' ħasil bil-bowzer kontinwu fix-xhur tas-sajf kif ukoll b'żewġ memorandum of understanding mad-Diviżjoni tal-Manutenzjoni u Tindif.

Bl-għajnuna tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi matul is-sena 2021/22 sar rinovar tal-latrina ta' San Ġorg kif ukoll saru manutenzjonijiet temporanji fil-latrina ta' Wied il-Buni. F'Ottubru tal-2022 se jkun qiegħed isir xogħol ta' rinovar fil-latrina ta' Wied il-Buni. Apparti minn hekk id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel tiswijiet neċessarji fuq l-art biswit il-pitch tal-boċċi u manutenzjoni f'diversi ħitan perikolużi.

Matul is-sena permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill u t'entitajiet governattivi bħal *Tourism Zones Regeneration Agency* u *l-Clean Malta* sar manutenzjoni fl-għamara tat-toroq, żebgħa fuq ir-railings, bankijiet u gazebos fil-prominad kollu; mix-xatt ta' San Ġorġ sa Wied il-Buni. Tindif fiż-żoni urbani, rurali, u f'postijiet imwarrbin fil-periferiji oħra. Sar investiment qawwi fil-kontenituri tal-iskart ġodda, *dog bins* u tħawwil ta' diversi siġar u pjanti.

Il-Kunsill organizza Tree Planting u Clean Up, b'kollaborazzjoni mal-Malta Freeport Terminals u Parks Malta, fejn ġew imħawwla numru ta' arbuxelli u pjanti. Tħawwlu wkoll siġar fiż-żona tal-Kappella ta' Bengħajsa.

Bħal snin l-imgħoddija, il-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa wkoll fl-*Earth Hour*, fejn ħeġġeġ ukoll lir-residenti, sabiex jieħdu sehem huma wkoll, billi għal ftit ħin allokat, jitfu d-dawl. Il-Kunsill ta sehmu billi tefa' il-binja tal-Kunsill.

Permezz tas-sehem ta' diversi għaqdiet volontarji, il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza diversi Clean Ups, fejn inġabar ammont sostanzjali ta' skart mormi illegalment, filwaqt li dejjem sab l-għajnuna ta' Clean Malta, biex toħdilna dan l-iskart miġbur.

Permezz ukoll tal-ħaddiema tal-Freeport, fil-European Week for Waste Reduction, sar tindif fl-inħawi tal-pjazza, fejn ġew imħawwla wkoll xi pjanti.

Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Kunsill tiġi ddedikata sabiex jingħataw is-servizzi minn diversi kuntratturi privati, bħal:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Ġbir ta' skart goff
- Servizz ta' knis ta' toroq
- Tindif taż-żoni urbani u rurali
- Latrini pubbliċi

## 2.06 Infurzar u sigurtà

Matul is-sena 2021, il-Kunsill kompla jsaħħaħ is-servizz tal-Pulizija fil-Komunità. Il-Kunsill investa f'tqassim mill-ġdid tas-sala fil-binja tal-Kunsill sabiex tospità s-satellite station tal-pulizija. Żamm ukoll laqgħat regolari mal-Aġenzija LESA u l-pulizija tal-lokal. Flimkien ma' dawn l-entitajiet, qed isir studju sabiex jiġu installati aktar CCTVs sabiex jitnaqqas l-abbuż eċċessiv tar-rimi tal-iskart illegali. Matul is-sena 2021/22 ġew installati

tlett CCTV cameras mal-ibins tal-lokalità li jinsabu fi Triq il-Merżuq, Triq F.M. Ferretti u Triq iż-Żebbuġ. Apparti minn hekk sar investiment f'żewġ mobile cctv cameras.

## 2.07 Solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali

B' kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza is-Sala tal-Kunsill sabiex tkun tista tigi amministrata t-titqiba ta' kontra l-Covid-19. Apparti minn hekk il-Kunsill kompla jaħdem sabiex f'Birżebbuġa jinstab post għal Berġa tas-Saħħa Pubblika. Flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika l-Kunsill ħadem sabiex jinstab post temporanju. Id-Dipartiment se jkun qiegħed joħroġ sejħa pubblika fil-gimgħat li ġejjin. Biss il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ma jemminx fit-temporanju u jemmen bi sħiħ li l-komunità ta' Birżebbuġa jixirqilha servizz aħjar minn hekk. B'hekk il-Kunsill beda l-process ta' devoluzzjoni ta' art fil-binja tal-iskola sabiex il-bitħa li tmiss ma' Triq Żarenu Dalli u Triq San Mikiel tinbidel f'Ċentru Ċiviku għal-lokalità li jkun jinkludi librerija u berġa tas-saħħa. Il-Kunsill ħa ħsieb li jiġu installati żewġ AED's waħda f'San Ġorġ u oħra fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill flimkien mal-Ministeru għall-Inklużjoni ħa sehem fl-inizjattiva *Hearing Care for All*, servizz ta' smiegħ fil-komunità b'xejn.

Il-Kunsill jemmen, kemm l-attività lill-anzjani hija ferm importanti. Għaldaqstant, baqa' jipprovdi servizz tat-trasport għal ħruġ lill-anzjani li jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Dan sar permezz ta' parti finanzjarja mill-Malta Freeport.

B'kollaborazzjoni mal-Foundation for Social Welfare Services, il-Kunsill offra sala fi ħdan il-binja tal-Kunsill biex jitqassmu l-kaxxi b'ikel u riżorsi lill-familji vulnerabbli fil-komunità.

F'Novembru tal-2021 il-Kunsill organizza attività bl-isem Feed in Need. Attività tal-Halloween b'differenza fejn minflok ħelu, ngabru xirjiet u ikel għal persuni fil-bżonn. F'inqas minn 3 sigħat inġabru 'l fuq minn 50 xirja b'ikel varjat u sustanzjuż.

## 2.08 Harsien tal-Annimali

Il-Kunsill Lokali permezz tal-iskema li ħareġ il-Gvern LC CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali, għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità, il-Kunsill qassam ikel lil cat feeders reġistrati mal-Kunsill. Apparti minn hekk il-Kunsill għamel l-ewwel cat shelter f'Wied il-Buni. Il-Kunsill matul din is-sena ħadem sabiex jintroduċi l-ewwel dog friendly beach fl-akkwata ta' Wied il-Buni.

## 2.09 Qasam tal-Edukazzjoni u Żgħażagħ

B'servizz ta' Lifelong Learning, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqgħu jitħarġu fl-edukazzjoni tagħhom. Apparti minn hekk kompla jsir l-investiment fil-librerija tal-lokalità li tinsab fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Għas-sena 2021 Birżebbuġa kienet waħda mill-aktar libreriji li jikkonkorru n-nies għaliha, b'hekk il-Kunsill matul din is-sena investa fi xkafef u kotba ġodda permezz ta' skema maħruġa mir-Reġjun Nofsinhar. Apparti minn hekk ġie installat airconditioner.

## 2.10 Attivitajiet

Fl-2021 bdejna naraw ir-ritorn tal-attivitajiet soċjali u kulturali f'Birżebbuġa. Il-Kunsill dejjem kien kommess li jkompli jorganizza attivitajiet ta' kwalità. Il-Kunsill Lokali jemmen li dawn l-attivitajiet huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju, għaliex dan iservi t'opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan, l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tal-lokalità, filwaqt li wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija, li permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ.

| | |
|---|---|
| • 25 ta' Settembru 2021 | Jum Birżebbuġa. |
| • 26 ta' Settembru 2021 | Quddiesa flimkien mal-għaqdiet tal-lokal għall-okkażjoni ta' Jum Birżebbuġa |
| • 29 t'Ottubru 2021 | 'Feed in Need'- Attività fejn inġabar ikel mingħand ir-residenti u tqassam lil familji fil-bżonn minn FSWS. |
| • 30 t'Ottubru 2021 | Attività għar-residenti, fejn saret quddiesa u wara morna għal Afternoon Tea ġewwa lukanda ewlenija . |
| • 20 ta' Novembru 2021 | Lunch ġewwa l-Esplora. |
| • 4 u 5 ta' Diċembru 2021 | Milied fil-Pjazza bis-sehem tal-Voca Choir u l-għada 'Concerto di Natale.' |
| • 13 ta' Diċembru 2021 | Ikla organizzata mill-Kunsill Lokali li saret ġewwa l-Birgu għar-residenti. |
| • 21 ta' Mejju 2022 | wara waqfa minħabba l-pandemija ,sar il-Karnival ġewwa Birżebbuġa. Parata fit-toroq ewlenin miż-żewġ baned lokali u żfin ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. |
| • 24 ta' Ġunju 2022 | Buffet ġewwa lukanda ewlenija f'Buġibba. |
| • 26 ta' Ġunju 2022 | L-Imnarja fil-Pjazza. Attività bis-sehem ta' l-Għaqda Kumittiva mix-Xagħra Għawdex bi żfin tradizzjonali. |
| • 30 ta' Lulju 2022 | Gozo by Night. Dawra bic-cuccu train ma' Għawdex u wara għal lejla tradizzjonali ġewwa x-Xagħra. |
| • Fl-10 ta' Settembru 2022 | Jum Birżebbuġa . |
| • Fil-11 ta' Settembru 2022 | Quddiesa flimkien mal-għaqdiet tal-lokal għall-okkażjoni ta' Jum Birżebbuġa. |
| • 24 ta' Settembru 2022 | Harġa Kulturali ġewwa l-Muża u breakfast. Wara dawra bic-cuccu train mal-Belt Valletta. |

*Attivitajiet skedati:*

| | |
|---|---|
| • 8 t'Ottubru 2022 | Se jiġi organizzat Trasport għall-Birgu Fest. |
| • 28 t' Ottubru 2022 | Party għat tfal tal-Halloween ġewwa l-iskola ta' Birżebbuġa fuq it-tema 'Feed in Need'. |
| • 2-4 ta' Diċembru 2022 | Milied fil-Pjazza |
| • 9-11 ta' Diċembru 2022 | Weekend Break ġewwa Buġibba |

## 2.11 Komunikazzjoni mar-residenti

Il-komunikazzjoni mar-residenti hi ta' prijorità. Matul din is-sena il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu fuq il-paġni soċjali kif ukoll b'mezzi tradizzjonali. Il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-paġna fejn din kompliet iżżid fil-popolarità u hija mezz kif isir kuntatt aktar faċli mal-pubbliku. Naturalment ninsabu 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha. Is-seduti tal-Kunsill baqgħu jseħħu kull erba' ġimgħat, b xandiriet live u rekordjati permezz tal-live-streaming u l-websajt tal-Kunsill.

## 2.12 Sejħa għall-offerti attwali

- Konservazzjoni u restawr ta'
  Pittura u Għamara fil-Kappella ddedikata lis-Sagra Familja, Triq iż-Żurrieq.
- Offerta ta'
  Servizz għal Ġbir ta' Skart Goff u WEEE bl-użu ta' vettura b'emissjonijiet baxxi mil-lokalità ta' Birżebbuġa
- Offerta ta'
  Servizz għal provvediment ta' servizz professjonali ta' Contracts Manager
- Offerta ta'
  Servizz għal provvista u installazzjoni ta' tagħmir tal-logħob u għamara tat-triq
- Offerta ta'
  Servizzi għal Tipper Van b'emissjonijiet baxxi

## 2.13 Pjanijiet għas-sena 2022/23

Il-pjan ewlieni tal-Kunsill Lokali huwa li matul is-sena 2022 jibqa' jġedded u jkabbar l-operat tiegħu. Wieħed mill-aktar proġetti li qiegħed iħares lejh b'ottimiżmu hu l-bini taċ-ċentru ċiviku lokali. Il-Kunsill jinsab determinat li jkompli jagħti l-aqwa servizzi lir-residenti ta' Birżebbuġa. Matul l-2021 ġie finalizzat il-proġett tar-restawr tal-pittura u għamara antika, fil-Kappella tas-Sagra Familja. Il-Kunsill iħares 'il quddiem biex jibda l-proċess biex jigi rinovat il-portiku tal-istess Kappella. Appati minn hekk il-Kunsill se jkompli jaħdem għal aktar infurzar b'installazzjoni ta' aktar CCTV cameras fil-Bajja s-Sabiħa u Wied il-Buni. Il-Kunsill se jkompli jaħdem qatiegħ sabiex jiġi finalizzat il-proġett tal-pjazza ta'Bengħajsa u Misraħ San Ġorġ Preca, appati minn hekk se jkompli jkun kollaboratur importanti fejn jidħlu l-bini ta' toroq ġodda dawk fl-urban u dawk rurali.

## 3. Rapport Finanzjarju 2021

Matul is-sena 2021, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kellu żieda fid-dħul li jircievi mill-allokazzjoni tal-Gvern. Din iż-żieda ġiet attritbwieta minn żieda fl-Allokazzjoni Annwali, u kif ukoll minn żiedet oħra permezz ta' Skemi u Inizzjattivi li l-Kunsill Lokali applika u rnexxielu jibbenefika minnhom.

Fejn jidħol dħul, il-Kunsill Lokali kellu żieda mill-permessi u kif ukoll żieda mis-sistema tal-Local Enforcement System. Dan irriżulta għal dhul ta' €991,224.

Biex il-Kunsill ikun jista jsaħħaħ il-ħidma tiegħu u minħabba żieda fix-xogħol, matul, 2021, il-Kunsill Lokal ħass il-ħtieġa u approva li jinġagga żewġ skrivani fuq bazi *full time*. Dan irriżulta għal żieda fil-pagi. Min-naħa l-oħra il-Kunsilll irnexxilu jikkontrolla l-ispejjeż amminstrattivi tiegħu u li dawn baqgħu fuq l-istess skala tal-2020.

Minħabba x-xogħol ta' manutezzjoni fit-toroq qed isir kollhu minn Infrastructure Malta, intefqu ftit inqas fuq l-operazzjoni u manetunzjoni tat-toroq. B' hekk kellna total ta spejjez ta' €852,566.

Meta wieħed inaqqas l-ispejjeż mid-dħul, il-Kunsil Lokali ta' Birżebbuġa għalaq is-sena bi profit ta' €138,658.

Grazzi għall-ħidma tajba tal-Kunsill u l-amminstrazzjoni, il-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena kien f'pozzijoni li jippjana u jibda jwettaq numru ta' proġetti u investimenti kapitali għal matul is-sena 2022. Iżjed 'l isfel hemm statement finanzjarju dwar dan kollhu fid-dettal.

**Local Council Birzebbuga**

**Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income**
**for the year ended 31 December 2021**

| | Notes | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 955,755 | 905,822 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 4 | 946 | 1,467 |
| Income raised under Local Enforcement System | 5 | 5,546 | 3,811 |
| General Income | 7 | 28,977 | 26,105 |
| | | 991,224 | 937,205 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 8 | (204,477) | (173,448) |
| Operations and maintenance | 9 | (343,198) | (390,645) |
| Administration and other expenditure | 10 | (304,891) | (301,249) |
| | | (852,566) | (865,342) |
| **Operating profit for the year** | | 138,658 | 71,863 |
| Finance Income | 6 | - | 32 |
| **Profit for the year** | | 138,658 | 71,895 |

The notes on pages 9 to 28 form an integral part of these financial statements.

Local Council Birzebbuga

Statement of Financial Position
as at 31 December 2021

| | Notes | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 12 | 401,795 | 516,634 |
| Intangible assets | 11 | 3,259 | 3,138 |
| | | 405,054 | 519,772 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 13 | 106,713 | 139,117 |
| Cash at bank and in hand | 14 | 1,348,459 | 1,092,198 |
| | | 1,455,172 | 1,231,315 |
| **Total Assets** | | 1,860,226 | 1,751,087 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,375,250 | 1,236,592 |
| **Total reserves** | | 1,375,250 | 1,236,592 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 15 | 181,555 | 211,074 |
| Short-term borrowings | 16 | 303,421 | 303,421 |
| | | 484,976 | 514,495 |
| **Total Liabilities** | | 484,976 | 514,495 |
| **Total reserves and liabilities** | | 1,860,226 | 1,751,087 |

These financial statements were approved by the Local Council on 10th May 2022 and signed on its behalf by:

The notes on pages 9 to 28 form an integral part of these financial statements.

## 4. Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali huwa marbut, sabiex fuq kollox ikompli jattwa l-pjan ta' ħidma li sar għas-snin 2020-2024.

Naturalment, huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara matul is-sena preċedenti, iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi hawn fuq, il-Kunsill, permezz tal-amministrazzjoni, qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti. Madankollu, ninsab konvint, li b'dan kollu, wieħed jista' jieħu idea ċara li għalkemm kellna sfidi kbar, il-ħidma tal-Kunsill matul din is-sena, kienet kbira ħafna. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill waħdu ma jista' jagħmel xejn u għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jitwettaq. Lil dawn kollha, il-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom.

**IFFIRMATA**

**Scott Camilleri**
*Sindku*
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**IFFIRMATA**

**Jordy Brincat**
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**Illum it-Tnejn 3 t'Ottubru 2022**